# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 5 ta' Awwisu, 2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**
**vs.**
**Oliver George Lorenzo Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Oliver George Lorenzo Vella detentur tal-karta ta' l-identita' numru: 319697M

Billi akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fil-25 ta' Mejju, 2005 fis-CID Lock Up il-Furjana

a. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi

perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Ukoll talli f'dawn il-gzejjer fis-26 ta' Mejju, 2005, bhala persuna detenuta gewwa l-CID Lock Up il-Floriana, minghajr l-awtorita' legittima dahhal jew pprova jdahhal f'xi parti tal-Konfini tal-Habs, u cioe' fis-CID Lock up Floriana, oggetti ikun li jkun u specifikament medicina perikoluza (Droga Eroina) liema oggett huwa projbit, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2), tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolamenti maghmulha taht l-istess ligi.

c. Minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon, jew kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar u munizzjon, jew kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon izda mhux f'fond jew f'post li jghamel mieghu u dan ai termini tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

d. Xjentement kellu fil-pussess tieghu jew kontrol tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu, pistola tal-ghamla Pheonix bis-serial no: 3028549 kompluta bil-magazine kif ukoll tlett balal ta' kalibru 0.25, l-importazzjoni ta' liema oggetti hija projbita u/jew ristretta, liema oggetti ghandhom valur ta' Lm20.30,00 u dazju dovut ta' LM1.64.4 liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 60(a), (b), (c) (k), l-Artikolu 62 (a), (b), (c), (f), (g), (h), (i), (k) kif ukoll tal-paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

e. Ukoll talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, meta huwa kien gie f'pussess t'arma tan-nar u/jew munizzjon, xort'ohra milli b'licenzja naqas milli jaghti lill-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur ta' l-Artikolu 9 tal-Ordinanza dwar l-Armi Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li l-Avukat Generali kien ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja u d-dikjarazzjoni tal-imputat li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz bil-procedura sommarja.

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tal-lum sar is-segwenti verbal:

*"Id-Difiza ghan-nom tal-imputat Oliver George Lorenzo Vella qeghda teccepixxi l-preskrizzjoni ghar-rigward tar-reati addebitati lill-imputat u per konsegwenza umilment qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-akkuzi kontenuti fit-tahrika kontra l-istess imputat huma preskritti skont il-ligi.*

*L-Ufficjal Prosekutur iddikjara li wara li ra l-atti processwali jirrizulta illi l-istess imputat Oliver Vella qatt ma gie debitament notifikat b'dawn il-proceduri sa mid-data meta gie kommess dan ir-reat u li ghaddew iktar minn ghaxar snin minn tali data. Ghaldaqstant, wara li ra l-akkuzi hekk kif dedotti kontro Oliver Vella umilment jissottometti li ghall-finijiet tal-artikoli koncernanti l-preskrizzjoni fil-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jirrizulta li l-akkuzi huma preskritti."*

Il-Qorti kkunsidrat li r-reati addebitati lill-imputat allegatament saru fil-25 ta' Mejju 2005. Mill-atti jirrizulta li l-imputat kien mahrub minn Malta meta nbdew dawn il-proceduri fit-13 ta' Lulju 2007, u ghalhekk l-imputat qatt ma gie notifikat b'dawn il-proceduri. L-imputat ngieb Malta b'European Arrest Warrant fid-9 ta' Lulju 2015, sabiex jitkomplew proceduri ohra kontrieh quddiem din il-Qorti, diversament preseduta.

Ghalkemm mill-atti ma jirrizultax meta l-imputat gie notifikat b'dawn il-proceduri, huwa deher l-ewwel darba quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2015, u ghalhekk, din il-Qorti se tiehu din id-data, u cioe l-10 ta' Lulju 2015, bhala d-data meta l-imputat gie notifikat ghall-ewwel darba b'dawn il-proceduri.

Il-Qorti, wara li rat l-imputazzjonijiet specifici dedotti kontra Oliver Vella, u l-piena applikabbli ghal kull wahda minnhom, irrizultalha li l-imputazzjonijiet kollha huma preskritti ai termini tal-Artikolu 688 tal-Kodici Kriminali.

**Konkluzjoni**

In vista tal-fatt li l-imputat gie notifikat bic-citazzjoni odjerna, wara li kien skada it-terminu preskrittiv ghal kull wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih, kif stabbiliti fl-Artikolu 688 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat huma preskritti.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**